

Il-Ħamis 11 ta' Marzu 2021

P9_TA(2021)0080

Qoton ġenetikament modifikat GHB614 × T304-40 × GHB119

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2021 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat GHB614 × T304-40 × GHB119 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (D070621/02 – 2021/2553(RSP))

(2021/C 474/06)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat GHB614 × T304-40 × GHB119 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (D070621/02),
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 7(3) u 19(3) tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 503/2013 dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' ikel u għalf ġenetikament modifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemendaw ir-Regolamenti (KE) Nru 641/2004 u (KE) Nru 1981/2006 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-votazzjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali msemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, tal-11 ta' Jannar 2021, li matulha ma nġatit opinjoni,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 11 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-opinjoni adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fil-21 ta' Ġunju 2018, u ppubblikata fil-25 ta' Lulju 2018 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li joġġezzjonaw għall-awtorizzazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati ("OĠM") ⁽⁵⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 8.6.2013, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

⁽⁴⁾ Opinjoni Xjentifika tal-Bord tal-EFSA dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati dwar il-valutazzjoni tal-qoton ġenetikament modifikat GHB614 × T304-40 × GHB119 għall-użu fl-ikel u l-għalf, l-importazzjoni u l-ipproċessar skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 (applikazzjoni EFSA-GMO-NL-2014-122), EFSA Journal 2018; 16(7):5349, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2018.5349>

⁽⁵⁾ Fit-tmien leġiżlatura tiegħu, il-Parlament adotta 36 riżoluzzjoni li joġġezzjonaw għall-awtorizzazzjoni tal-OĠM. Barra minn hekk, fid-disa' leġiżlatura tiegħu, il-Parlament adotta r-riżoluzzjonijiet li ġejjin:

- Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat MZHG0JG (SYN-ØØØJG-2), skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2019)0028).

- Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn fażola tas-soġja ġenetikament modifikata A2704-12 (ACS-GMØØ5-3) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2019)0029).

Il-Ħamis 11 ta' Marzu 2021

— wara li kkunsidra l-Artikolu 112(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

-
- Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 × DAS-40278-9, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina żewġ, tlieta jew erba' mill-eventi uniċi MON 89034, 1507, MON 88017, 59122 u DAS-40278-9 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2019)0030).
 - Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn qoton ġenetikament modifikat LLCotton25 (ACS-GHØØ1-3) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2019)0054).
 - Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89788 (MON-89788-1), li jikkonsistu minn tali fażola tas-sojja jew li huma prodotti minnha skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2019)0055).
 - Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u s-subkombinazzjonijiet MON 89034 × NK603 × DAS-40278-9, 1507 × NK603 × DAS-40278-9 u NK603 × DAS-40278-9, li jikkonsistu minn tali qamħirrum jew li huma prodotti minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2019)0056).
 - Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 × MIR162 × MIR604 × 1507 × 5307 × GA21, li jikkonsistu minn tali qamħirrum jew li huma prodotti minnu u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn, tlieta, erbgħa jew ħamsa mill-eventi uniċi Bt11, MIR162, MIR604, 1507, 5307 u GA21 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2019)0057).
 - Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87708 × MON 89788 × A5547-127, li jikkonsistu minnha jew li huma prodotti minnha, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2020)0069).
 - Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × MIR162 × NK603, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi MON 87427, MON 89034, MIR162 u NK603, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1111 skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2020)0291).
 - Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn fażola tas-sojja ġenetikament modifikata SYHT0H2 (SYN-ØØØH2-5), skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2020)0292).
 - Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 87460 × MON 89034 × MIR162 × NK603, ikunu jikkonsistu minnu jew li jkunu magħmulin minnu, u l-qamħirrum ġenetikament modifikat li jgħaqqad tnejn, tlieta jew erbgħa mill-avvenimenti MON 87427, MON 87460, MON 89034, MIR162 u NK603, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2020)0293).
 - Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87751 × MON 87701 × MON 87708 × MON 89788, li jikkonsistu minnha jew li huma prodotti minnha, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2020)0365).
 - Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × MIR162 × MON 87411 u l-qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi MON 87427, MON 89034, MIR162 u MON 87411, li jikkonsistu minnhom jew li huma prodotti minnhom, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2020)0366).
 - Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MIR604 (SYN-IR6Ø4-5) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2020)0367).
 - Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li ġġedded l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 88017 (MON-88Ø17-3), li jikkonsistu minnu jew li huma prodotti minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2020)0368).
 - Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li ġġedded l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 (MON-89Ø34-3), li jikkonsistu minnu jew li huma prodotti minnu skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P9_TA(2020)0369).

Il-Ħamis 11 ta' Marzu 2021

- wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
- A. billi, fit-30 ta' Settembru 2014, Bayer CropScience AG ("l-applikant") ressaq applikazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' ikel, ingredjenti tal-ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn qoton ġenetikament modifikat GHB614 × T304-40 × GHB119 ("il-qoton ĠM") f'konformità mal-Artikoli 5 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003; billi l-applikazzjoni kopriet ukoll it-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-qoton ĠM, jew li jikkonsistu minn tali qoton, għal użi oħra għajr l-ikel u l-għalf, bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni;
- B. billi, fil-21 ta' Ġunju 2018, l-EFSA adottat opinjoni favorevoli, li ġiet ippubblikata fil-25 ta' Lulju 2018;
- C. billi l-qoton ĠM huwa derivat minn inkroċjar ta' tliet eventi tal-qoton ġenetikament modifikat ("ĠM"), u jagħti tolleranza għall-erbiċidi li fihom il-glufosinat u l-glifosat ("l-erbiċidi komplementari") minbarra li jipproduċi żewġ proteini insettiċidi (tossini "Bt" jew "Cry"): Cry1Ab u Cry2Ae, li huma tossiċi għal ċerti larvi lepidopterani li jieklu l-qoton ⁽⁶⁾;
- D. billi, filwaqt li l-konsum taż-żejt taż-żerriegħa tal-qoton min-naħa tal-bniedem jista' jkun relattivament limitat fl-Ewropa, jista' jinstab fvarjetà wiesgħa ta' prodotti tal-ikel, inklużi t-taħwir tal-ikel, il-majoneż, prodotti fini tal-forn, kremi u biċċiet taċ-ċikkulata; billi l-qoton jingħata lill-annimali prinċipalment fil-forma ta' kejk/għalf taż-żerriegħa tal-qoton jew bħala żerriegħa tal-qoton b'kontenut sħiħ ta' xaħam ⁽⁷⁾; billi l-qoton jiġi kkunsmat ukoll fil-forma ta' dqiq tal-qoton mill-bnedmin;
- E. billi r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 jiddikjara li ikel jew għalf ĠM ma jridx ikollu effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, u jirrikjedi li l-Kummissjoni tqis kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni u fatturi leġittimi oħra li jkunu rilevanti għall-kwistjoni li tkun qiegħda titqies fl-abbozzar tad-deċiżjoni tagħha; billi dawn il-fatturi leġittimi għandhom jinkludu l-obbligi tal-Unjoni skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli ("SDGs") tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika ("KDB tan-NU");
- F. billi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 503/2013 jirrikjedi valutazzjoni dwar jekk il-prattiki agrikoli mistennija jinfluwenzawx l-eżitu tal-punti tat-tmien studjati; billi, skont dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, dan huwa speċjalment rilevanti għall-pjanti reżistenti għall-erbiċidi; billi, barra minn hekk, is-siti differenti magħżula għall-provi fuq il-post għandhom jirriflettju l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi u agronomiċi differenti li fihom tkun se titkabbar l-għalla;

Nuqqas ta' data dwar l-espressjoni ġenika u l-kompożizzjoni tal-pjanti

- G. billi, il-provi fuq il-post għall-valutazzjoni agronomika u tal-kompożizzjoni tal-qoton ĠM twettqu fl-Istati Uniti fi tmien siti biss, iżda mhux f'żoni oħra rilevanti għall-produzzjoni tal-qoton; billi intużat biss data minn sena waħda, l-2012, biex tiġi prodotta data dwar il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi rilevanti li fihom jistgħu jitkabbru l-pjanti;
- H. billi, il-glufosinat u l-glifosat ma ntużawx fid-dożi għoljin li jistgħu jkunu mistennija fil-kuntest taż-żieda fir-reżistenza għall-ħaxix ħażin;
- I. billi l-EFSA naqset milli titlob li jsiru aktar studji, eż. provi fuq il-post li jdumu aktar minn staġun wieħed u minn siti f'reġjuni oħra li jipproduċu l-qoton; billi, barra minn hekk, ma ġiet iġġenerata l-ebda data li tirrappreżenta kundizzjonijiet ambjentali aktar estremi, bħal daww ikkawżati mit-tibdil fil-klima, minkejja li ntweru li l-fatturi ambjentali jistgħu jħallu impatt fuq l-espressjoni tat-tossini Bt ⁽⁸⁾;

⁽⁶⁾ Opinjoni tal-EFSA, p. 10.

⁽⁷⁾ Opinjoni tal-EFSA, p. 22.

⁽⁸⁾ Ara, pereżempju, Adamczyk, J.J. Jr., Meredith, W. R. Jr., "Genetic basis for variability of Cry1Ac expression among commercial transgenic *Bacillus thuringiensis* (Bt) cotton cultivars in the United States" (Il-bażi ġenetika għall-varjabbiltà tal-espressjoni Cry1Ac fost il-kultivaturi tal-qoton *Bacillus thuringiensis* (Bt) transġeniku kummerċjali), *Journal of Cotton Science*, 2004, 8(1), pp. 433-440, <https://pubag.nal.usda.gov/catalog/10670>
u Trtikova, M., Wikmark, O.G., Zemp, N., Widmer, A., Hilbeck, A., "Transġene expression and Bt protein content in transgenic Bt maize (MON810) under optimal and stressful environmental conditions" (L-espressjoni tat-transġene u l-kontenut tal-proteina Bt fil-qamħirrum Bt transġeniku (MON810) f'kundizzjonijiet ambjentali ottimali u stressanti), *Plos ONE*, 2015:10(4), e0123011, <https://journals.plos.org/plosone/article?id=10.1371/journal.pone.0123011>

Il-Ħamis 11 ta' Marzu 2021

Nuqqas ta' valutazzjoni tal-erbiċidi komplementari

- J. billi għadd ta' studji wrew li l-għelejjel ĠM tolleranti għall-erbiċidi jirriżultaw fużu akbar ta' erbiċidi komplementari, fil-biċċa l-kbira minħabba l-emerġenza ta' ħaxix ħażin tolleranti għall-erbiċidi⁽⁹⁾; billi, b'konsegwenza ta' dan, għandu jkun mistenni li l-qoton ĠM ikun espost għal dożi kemm ogħla kif ukoll ripetuti ta' glufosinat u glifosat, u li għalhekk il-ħsad jista' jkun fih kwantità ogħla ta' residwi;
- K. billi għad hemm dubji dwar il-karċinoġeniċità tal-glifosat; billi, f'Novembru 2015, l-EFSA kkonkludiet li l-glifosat x'aktarx mhuwix karċinoġenu, filwaqt li, f'Marzu 2017, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi kkonkludiet li l-ebda klassifikazzjoni ma kienet ġustifikata; billi, għall-kuntrarju ta' dan, fl-2015, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer, l-aġenzija speċjalizzata dwar il-kanċer tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, ikklassifikat il-glifosat bħala karċinoġenu possibbli għall-bnedmin;
- L. billi, skont l-EFSA, id-data tossikoloġika li tippermetti li ssir valutazzjoni tar-riskju għall-konsumaturi għal diversi prodotti ta' dekompożizzjoni tal-glifosat rilevanti għall-għelejjel ĠM tolleranti għall-glifosat hija nieqsa⁽¹⁰⁾;
- M. billi l-glufosinat huwa kklassifikat bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni 1B u għalhekk jissodisfa l-"kriterji ta' limitu" stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹¹⁾; billi l-approvazzjoni għall-użu tal-glufosinat fl-Unjoni skadiet fil-31 ta' Lulju 2018⁽¹²⁾; billi l-qoton ġenetikament modifikat ġie doppjament tolleranti għall-glufosinat, u ppermetta l-użu ta' dożi saħansitra ogħla fuq il-pjanti;
- N. billi l-istudji juru li l-glifosat u l-glufosinat jista' jkollhom impatt serju fuq il-mikrobijoma⁽¹³⁾, u konsegwentement it-tossiċità fit-tul (tossiċità mħallta) tal-ikel u l-għalf sħaħ tat-tossini Bt fuq l-imsaren mill-bexx bil-glifosat u l-glufosinat għandha l-ewwel tiġi vvalutata qabel ma tintlaħaq kwalunkwe konklużjoni dwar l-impatti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-ikel;
- O. billi l-valutazzjoni tar-residwi ta' erbiċidi u tal-prodotti ta' diżintegrazzjoni tagħhom misjuba fi pjanti ĠM titqies li ma taqax taħt il-kompetenza tal-Bord tal-EFSA dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati (il-Bord tal-EFSA dwar l-OĠM) u għalhekk ma ssirx bħala parti mill-proċess ta' awtorizzazzjoni għall-OĠM; billi dan huwa problematiku peress li l-mod kif l-erbiċidi komplementari jiġu dekomposti mill-pjanta ĠM kkonċernata, u l-kompożizzjoni u għalhekk it-tossiċità tal-prodotti ta' dekompożizzjoni ("metaboliti"), jistgħu jiġu affettwati mill-modifika ġenetika nnifisha⁽¹⁴⁾;

⁽⁹⁾ Ara, pereżempju, Bonny, S., "Genetically Modified Herbicide-Tolerant Crops, Weeds, and Herbicides: Overview and Impact" (Għelejjel, Ħaxix Ħażin, u Erbiċidi Ġenetikament Modifikati Tolleranti għall-Erbiċidi), Environmental Management, Jannar 2016; 57(1), pp. 31-48, <https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pubmed/26296738> u Benbrook, C.M., "Impacts of genetically engineered crops on pesticide use in the U.S. – the first sixteen years" (L-impatti ta' għelejjel modifikati ġenetikament fuq l-użu tal-pestiċidi fl-Istati Uniti – l-ewwel sittax-il sena), Environmental Sciences Europe; 28 ta' Settembru 2012, Vol. 24(1), <https://enveurope.springeropen.com/articles/10.1186/2190-4715-24-24>

⁽¹⁰⁾ Il-konklużjoni tal-EFSA dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva tal-glifosat, EFSA Journal 2015; 13(11):4302, p. 3, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/4302>

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

⁽¹²⁾ https://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/eu-pesticides-database/active-substances/?event=as.details&as_id=79

⁽¹³⁾ Ara, pereżempju, <https://www.sciencedirect.com/science/article/abs/pii/S0304389420301400?via=ihub>

⁽¹⁴⁾ Dan huwa fil-fatt il-każ għall-glifosat, kif iddikjarat fl-opinjoni motivata tal-EFSA "Rieżami tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti għall-glifosat skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005", EFSA Journal 2018; 16(5):5263, p. 12, <https://www.efsa.europa.eu/fr/efsajournal/pub/5263>

Il-Ħamis 11 ta' Marzu 2021

Mistoqsijiet pendenti dwar it-tossini Bt

- P. billi l-proteini Cry1Ab u Cry2Ae prodotti f'*Escherichia coli* (*E. coli*) u *B. thuringiensis* intużaw rispettivament għat-twertiq tal-istudji tas-sikurezza, minflok ma ntużaw proteini prodotti mill-pjanta ĠM nnifisha⁽¹⁵⁾, jiġifieri li l-valutazzjoni tal-effetti tossiċi hija bbażata fuq l-ekwivalenza preżunta tat-tossini Bt prodotti artifċjalment f'batteġji bit-tossini Bt prodotti mill-pjanti; billi, madankollu, sabiex jitqiesu b'mod adegwat l-effetti sinerġistiċi, il-valutazzjonijiet ma għandhomx ikunu bbażati biss fuq testijiet b'tossini Bt transġeniċi prodotti f'sistemi mikrobiċi;
- Q. billi, barra minn hekk, f'it li xejn jista' jiġi attribwit għal testijiet tossikoloġiċi mwettqa bil-proteini waħedhom, minħabba l-fatt li t-tossini Bt fl-għelejjel ĠM, bħall-qamħirrun, il-qoton u l-fażola tas-sojja, huma intrinsikament aktar tossiċi minn tossini Bt iżolati; billi dan huwa minħabba li l-inibituri tal-proteażi (PI), preżenti fit-tessut tal-pjanti, jistgħu jżidu t-tossiċità tat-tossini Bt billi jdewmu d-degradazzjoni tagħhom; billi dan il-fenomeno ntwerfa f'għadd ta' studji xjentifiċi, inkluż wieheġ imwettaq għal Monsanto 30 sena ilu li wera li anke l-preżenza ta' livelli estremament baxxi ta' PI saħħet it-tossiċità tat-tossini Bt sa 20 darba⁽¹⁶⁾;
- R. billi dawk l-effetti qatt ma tqiesu fil-valutazzjonijiet tar-riskju tal-EFSA, minkejja li huma rilevanti għall-pjanti Bt kollha approvati għall-importazzjoni jew għall-kultivazzjoni fl-Unjoni; billi r-riskji li jirriżultaw minn din it-tossiċità msaħħa minħabba l-interazzjoni bejn it-tossini PI u Bt, għall-bnedmin u l-annimali li jikkunsmaw ikel u għalf li fihom it-tossini Bt ma jistgħux jiġu esklużi;
- S. billi għadd ta' studji juru li ġew osservati effetti kollaterali li jistgħu jaffettwaw is-sistema immunitarja wara esponiment għal tossini Bt u li xi tossini Bt jista' jkollhom karatteristiċi aġġuvanti⁽¹⁷⁾, li jfisser li dawn jistgħu jżidu l-allerġeniċità ta' proteini oħra li jidħlu f'kontatt magħhom;
- T. billi l-valutazzjoni tal-interazzjoni potenzjali ta' residwi tal-erbiċidi u l-metaboliti tagħhom mat-tossini Bt titqies li ma taqax taħt il-kompetenza tal-Bord tal-EFSA dwar l-OĠM u għalhekk ma ssirx bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju; billi dan huwa problematiku peress li r-residwi mill-bexx bil-glifosat u l-glufosinat huma magħrufa li jiddisturbaw il-mikrobijoma li, pereżempju, tista' żżid ir-reazzjonijiet immuni flimkien mat-tossini Bt⁽¹⁸⁾;

Għelejjel Bt: effetti fuq organiżmi mhux fil-mira u żieda fir-reżistenza

- U. billi, għall-kuntrarju tal-użu ta' insettiċidi, fejn l-esponiment ikun fil-ħin tal-bexx u għal żmien limitat wara, l-użu ta' għelejjel Bt ĠM jwassal għal esponiment kontinwu tal-organiżmi fil-mira u dawk li mhux fil-mira għat-tossini Bt;

⁽¹⁵⁾ L-Opinjoni Xjentifika tal-Bord tal-EFSA dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati dwar l-applikazzjoni EFSA-GMO-NL-2011-97 għat-tqegħid fis-suq tal-qoton T304-40 reżistenti għall-insetti u l-qoton modifikat ġenetikament tolleranti għall-erbiċidi għall-użu ta' ikel u għalf, l-importazzjoni u l-ipproċessar skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 minn Bayer CropScience AG, EFSA Journal 2013; 11(6):3251, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/3251>, u l-Opinjoni Xjentifika tal-Bord tal-EFSA dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati dwar l-applikazzjoni (EFSA-GMO-NL-2011-96) għat-tqegħid fis-suq tal-qoton ġenetikament modifikat GHB119, reżistenti għall-insetti u tolleranti għall-erbiċidi għall-użu tal-ikel u l-għalf, l-importazzjoni u l-ipproċessar skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 minn Bayer CropScience AG, EFSA Journal 2016; 14(10):4586, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/4586>, p. 14

⁽¹⁶⁾ MacIntosh, S.C., Kishore, G.M., Perlak, F.J., Marrone, P.G., Stone, T.B., Sims, S.R., Fuchs, R.L., "Potentiation of *Bacillus thuringiensis* insecticidal activity by serine protease inhibitors" (Il-potenzjalizzazzjoni tal-attività tal-insettiċidi *Bacillus thuringiensis* minn inibituri tal-proteażi tas-serina), Journal of Agricultural and Food Chemistry, 38, pp. 1145-1152, <https://pubs.acs.org/doi/abs/10.1021/jf00094a051>

⁽¹⁷⁾ Għal riežami, ara Rubio-Infante, N., Moreno-Fierros, L., "An overview of the safety and biological effects of *Bacillus thuringiensis* Cry toxins in mammals" (Harsa ġenerali lejn is-sikurezza u l-effetti bijoloġiċi tat-tossini Cry *Bacillus thuringiensis* fil-mammiferi), Journal of Applied Toxicology, Mejju 2016, 36(5), pp. 630-648, <http://onlinelibrary.wiley.com/doi/10.1002/jat.3252/full>

⁽¹⁸⁾ Parenti, M.D., Santoro, A., Del Rio, A., Franceschi, C., "Literature review in support of adjuvanticity/immuno-genicity assessment of proteins" (Rieżami tal-letteratura b'appoġġ għall-valutazzjoni tal-aġġuvantività/l-immunoġeniċità tal-proteini), Pubblikazzjonijiet ta' sostenn tal-EFSA, Jannar 2019, 16(1): 1551, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/abs/10.2903/sp.efsa.2019.EN-1551>

Il-Ħamis 11 ta' Marzu 2021

- V. billi s-suppożizzjoni li t-tossini Bt juru modalità ta' azzjoni waħda speċifika għall-mira ma tistax tibqa' titqies bħala korretta u l-effetti fuq organiżmi mhux fil-mira ma jistgħux jiġu esklużi ⁽¹⁹⁾; billi għe rrapportat li għadd dejjem akbar ta' organiżmi mhux fil-mira jiġu affettwati b'ħafna modi; billi 39 pubblikazzjoni rieżaminati bejn il-pari li jirrappurtaw effetti negattivi sinifikanti tat-tossini Bt fuq ħafna speċijiet "barra mill-firxa" jissemmew f'ħarsa ġenerali riċenti ⁽²⁰⁾;
- W. billi firxa tal-organiżmi li mhumex fil-mira fl-Unjoni jistgħu jiġu esposti għat-tossini Bt permezz tat-tixrid, l-iskart u d-demel li jirriżultaw mill-importazzjoni tal-ghejjel Bt; billi fil-valutazzjoni tar-riskju ma għe evalwat l-ebda effett fuq organiżmi mhux fil-mira;
- X. billi l-valutazzjoni tar-riskju ma qisix l-iżvilupp ta' reżistenza fil-pesti fil-mira għat-tossini Bt, li possibbilment jirriżulta fl-użu ta' pestiċidi anqas sikuri għall-ambjent jew għal żieda fid-dożi u l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ghejjel ĠM fil-pajjiż tal-kultivazzjoni; billi, l-Aġenzija għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Istati Uniti qed tippjana li jitnehew b'mod gradwali bosta ibridi tal-qamħirrum Bt, kif ukoll xi varjetajiet tal-qoton Bt, fit-tliet snin sa ħames snin li għejjin, minħabba ż-żieda fir-reżistenza tal-insetti għal tali ghejjel ⁽²¹⁾;
- Y. billi, filwaqt li għe ddikjarat li l-użu tal-ghejjel Bt iwassal għal tnaqqis fl-użu tal-insettiċidi, studju riċenti ppubblikat tal-Istati Uniti ⁽²²⁾, sab li "diversi analizzjiet dwar l-influenza tal-ghejjel Bt fuq ix-xejriet tal-użu tal-pestiċidi ma jidhrux li qiesu t-trattamenti taż-żerriegħa u għalhekk setgħu enfasizzaw wisq it-tnaqqis fl-użu tal-insettiċidi (speċjalment rigward 'iż-żona ttrattata') assoċjat mal-ghejjel Bt";
- Z. billi l-Unjoni hija parti għall-KDB tan-NU, li tagħmilha ċara li kemm il-pajjiżi li jespurtaw kif ukoll dawk li jimportaw għandhom responsabbiltajiet internazzjonali fir-rigward tad-diversità bijoloġika;

Kummenti mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri

- AA. billi l-Istati Membri ressqu bosta kummenti kritiċi lill-EFSA matul il-perjodu ta' konsultazzjoni ta' tliet xhur ⁽²³⁾; billi dawk il-kummenti kritiċi jinkludu li d-data u l-analizzjiet tad-data pprovduti dwar l-evalwazzjoni fenotipika, il-kompożizzjoni u t-tossiċità mhumex biżżejjed, li l-analiżi tal-kompożizzjoni ma qisix ir-residwi u lanqas il-metaboliti tal-erbiċidi komplementari, u li l-proposta tal-applikant għal pjan ta' monitoraġġ ambjentali ma tilħaqx l-oġġettivi ddefiniti fl-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁴⁾ u li ma tirrelatax l-attivitajiet ta' monitoraġġ mal-għanijiet rilevanti ta' protezzjoni; billi awtorità kompetenti ta' Stat Membru rrifjutat il-proposta li l-qoton ĠM jitqiegħed fis-suq fuq il-bażi li l-evalwazzjonijiet preċedenti għat-tliet eventi uniċi ma kinux biżżejjed biex jiżguraw protezzjoni għolja tas-saħħa tal-bniedem;

Il-ħarsien tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni

- AB. billi fir-rapport tal-2017 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-dritt għall-ikel instab li, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-pestiċidi perikolużi għandhom impatti katastrofiċi fuq is-saħħa ⁽²⁵⁾; billi l-Mira tal-SDG 3.9 tan-NU għandha l-għan, li sal-2030, tnaqqas b'mod sostanzjali l-għadd ta' mwiet u mard minn sustanzi kimiċi perikolużi u tniġġis u kontaminazzjoni tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija ⁽²⁶⁾; billi l-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni tal-qoton ĠM iżżid id-domanda għal din l-għalla ttrattata b'erbiċida li hija tossika għar-riproduzzjoni u li ma għadhiex awtorizzata għall-użu fl-Unjoni, u b'hekk iżżid l-esponent tal-ħaddiema f'pajjiżi terzi; billi r-riskju ta' żieda fl-esponent tal-ħaddiema huwa ta' tħassib partikolari fir-rigward ta' ghejjel ĠM li huma tolleranti għall-erbiċidi, meta jitqies il-volumi oġġla ta' erbiċidi użati;

⁽¹⁹⁾ Ara, pereżempju, Hilbeck, A., Otto, M., "Specificity and combinatorial effects of *Bacillus thuringiensis* Cry toxins in the context of GMO risk assessment" (L-effetti kkombinati u tal-ispeċifità tat-tossini Cry *Bacillus thuringiensis* fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-riskju tal-OĠM), *Frontiers in Environmental Science* 2015, 3:71, <https://www.frontiersin.org/articles/10.3389/fenvs.2015.00071/full>

⁽²⁰⁾ Hilbeck, A., Defarge, N., Lebrecht, T., Böhn, T., "Insecticidal Bt crops. EFSA's risk assessment approach for GM Bt plants fails by design" (Ghejjel Bt tal-insettiċidi. L-approċċ tal-valutazzjoni tar-riskju tal-EFSA għall-pjanti Bt ĠM jfalli mid-disinn), *RAGES* 2020, p. 4, https://www.testbiotech.org/sites/default/files/RAGES_report-Insecticidal%20Bt%20plants.pdf

⁽²¹⁾ <https://www.dtnpf.com/agriculture/web/ag/crops/article/2020/09/29/epa-proposes-phasing-dozens-bt-corn>

⁽²²⁾ Douglas, M.R., Tooker, J.F., "Large-Scale Deployment of Seed Treatments Has Driven Rapid Increase in Use of Neonicotinoid Insecticides and Preemptive Pest Management in U.S. Field Crops" (Użu fuq skala kbira tat-Trattamenti taż-Żrieragħ Wassal għal Żieda Rapida fl-Użu ta' Insettiċidi Neonikotinojdi u Ġestjoni tal-Pesti Preventiva fl-Ghejjel fl-Istati Uniti), *Environmental Science and Technology* 2015, 49, 8, pp. 5088-5097, <https://pubs.acs.org/doi/10.1021/es506141g>

⁽²³⁾ Kummenti mill-Istati Membri, aċċessibbli permezz tar-reġistru tal-mistoqsijiet tal-EFSA (Referenza: EFSA-Q-2014-00721): <https://www.efsa.europa.eu/en/register-of-questions>

⁽²⁴⁾ Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

⁽²⁵⁾ <https://www.ohchr.org/EN/Issues/Food/Pages/Pesticides.aspx>

⁽²⁶⁾ <https://www.un.org/sustainabledevelopment/health/>

Il-Ħamis 11 ta' Marzu 2021

Proċess deċiżjonali mhux demokratiku

- AC. billi l-votazzjoni fil-11 ta' Jannar 2021 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ma tat l-ebda opinjoni, li jfisser li l-awtorizzazzjoni ma kinitx appoġġjata minn maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri; billi 13-il Stat Membru (li jirrappreżentaw 35,52 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni) ivvutaw kontra l-awtorizzazzjoni, filwaqt li 10 Stati Membri biss (li jirrappreżentaw 27,49 %) ivvutaw favur; billi 4 Stati Membri (li jirrappreżentaw 37 %) astjenew;
- AD. billi l-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-fatt li d-deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni tal-OĠM għadhom jiġu adottati mill-Kummissjoni mingħajr maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri favur, li huwa verament l-eċċezzjoni għall-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti b'mod ġenerali iżda sar in-norma għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjonijiet ta' ikel u għalf GM, huwa problematiku;
- AE. billi, fit-tmien leġiżlatura tiegħu, il-Parlament Ewropew adotta total ta' 36 riżoluzzjoni li joġġezzjonaw għat-tqegħid fis-suq tal-OĠM għall-ikel u għall-għalf (33 riżoluzzjoni) u għall-kultivazzjoni tal-OĠM fl-Unjoni (tliet riżoluzzjonijiet); billi, fid-disa' leġiżlatura tiegħu, il-Parlament Ewropew diġà adotta 16-il oġġezzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-OĠM; billi ma kienx hemm maġġoranza kwalifikata ta' Stati Membri favur l-awtorizzazzjoni ta' kwalunkwe wieħed minn dawk l-OĠM; billi r-raġunijiet li għalihom l-Istati Membri ma jappoġġawx l-awtorizzazzjonijiet jinkludu nuqqas ta' rispett għall-prinċipju ta' prekawżjoni fil-proċess tal-awtorizzazzjoni u tħassib xjentifiku relatat mal-valutazzjoni tar-riskju;
- AF. billi minkejja r-rikonoxximent tagħha stess tan-nuqqasijiet demokratiċi, tan-nuqqas ta' appoġġ mill-Istati Membri u tal-oġġezzjonijiet tal-Parlament, il-Kummissjoni qiegħda tkompli tawtorizza l-OĠM;
- AG. billi ma hija meħtieġa l-ebda bidla fil-liġi biex il-Kummissjoni tkun tista' ma tawtorizzax OĠM meta ma jkunx hemm maġġoranza kwalifikata ta' Stati Membri favur fil-Kumitat ta' Appell ⁽²⁷⁾;
1. Iqis li dan l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jisboq is-setgħat ta' implimentazzjoni pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003;
2. Iqis li dan l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni mhuwiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni, billi mhuwiex kompatibbli mal-għan tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 li, f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁸⁾, huwa li jipprovidi l-bażi biex, fir-rigward tal-ikel u l-għalf GM, jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u l-interessi tal-ambjent u tal-konsumaturi, filwaqt li jiżgura l-funzjonament effikaċi tas-suq intern;
3. Jitlob lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha;
4. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni, f'ittra tal-11 ta' Settembru 2020 lill-Membri, finalment irrikonoxxiet il-ħtieġa li titqies is-sostenibbiltà f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni dwar l-OĠM ⁽²⁹⁾; jesprimi, madankollu, id-diżappunt kbir tiegħu li, minn dakinhar il-Kummissjoni kompliet tawtorizza l-OĠM għall-importazzjoni fl-Unjoni, minkejja l-oġġezzjonijiet kontinwi mill-Parlament u l-vot kontra mill-maġġoranza tal-Istati Membri;
5. Jistieden lill-Kummissjoni timxi 'l quddiem bl-akbar urġenza rigward l-iżvilupp ta' kriterji ta' sostenibbiltà, bl-involvement sħiħ tal-Parlament; jistieden lill-Kummissjoni tipprovidi informazzjoni dwar kif se jitwettaq dan il-proċess u f'liema perjodu ta' żmien;

⁽²⁷⁾ Il-Kummissjoni "tista", u mhux "għandha", tmexxi bl-awtorizzazzjoni jekk ma jkunx hemm maġġoranza kwalifikata ta' Stati Membri favur fil-Kumitat ta' Appell skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 (l-Artikolu 6(3)).

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

⁽²⁹⁾ <https://tilymetz.lu/wp-content/uploads/2020/09/Co-signed-letter-MEP-Metz.pdf>

Il-Ħamis 11 ta' Marzu 2021

6. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex ma tawtorizzax għelejjel ĠM tolleranti għall-erbiċidi sakemm ir-riskji għas-saħħa assoċjati mar-residwi jkunu ġew investigati b'mod komprensiv fuq bażi ta' każ b'każ, li jirrikjedi valutazzjoni sħiħa tar-residwi mill-bexx ta' dawn l-għelejjel ĠM b'erbiċidi komplementari, valutazzjoni tal-prodotti ta' dekompożizzjoni tal-erbiċidi u kwalunkwe effett kombinatorju, inkluż bil-pjanta ĠM stess;
7. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex ma tawtorizzax l-importazzjoni, għall-użu bħala ikel jew għalf, ta' kwalunkwe pjanta ĠM li saret tolleranti għal sustanza erbiċida attiva mhux awtorizzata għall-użu fl-Unjoni;
8. Jistieden lill-EFSA fl-aħħar taċċetta d-differenzi sostanzjali bejn it-tossini Bt nattivi u daww espressi permezz ta' transġeni sintetiċi fil-pjanti tal-għelejjel ĠM, u li twessa' l-valutazzjoni tar-riskju tagħha sabiex tqis b'mod sħiħ l-interazzjonijiet u l-effetti kombinati kollha bejn it-tossini Bt, il-pjanti ĠM u l-kostitwenti tagħhom, ir-residwi mill-bexx bl-erbiċidi komplementari, l-ambjent kif ukoll l-impatti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-ikel;
9. Jistieden lill-EFSA ma taċċettax aktar studji tat-tossiċità bbażati fuq proteini iżolati li x'aktarx ikunu differenti fl-istruttura u fl-effetti bijoloġiċi meta mqabbla ma' daww prodotti mill-pjanta nnifisha, u tirrikjedi li t-testijiet kollha jitwettqu b'tessuti mill-pjanta ĠM;
10. Jistieden lill-EFSA tiżgura li d-data mill-provi fuq il-post jew mis-serer tkopri firxa wiesgħa biżżejjed ta' kundizzjonijiet agronomiċi u ambjentali biex tevalwa l-impatt tal-fatturi kollha ta' stress li għandhom ikunu mistennija waqt il-kultivazzjoni fuq l-espressjoni tal-ġeni u l-kompożizzjoni tal-pjanti;
11. Jistieden lill-EFSA tiżgura li d-data mill-provi fuq il-post jew mis-serer tkopri firxa wiesgħa biżżejjed ta' varjetajiet differenti biex tevalwa l-impatt ta' sfondi ġenetiċi varji fuq l-espressjoni ġenetika u l-kompożizzjoni tal-pjanti;
12. Jistieden lill-EFSA titlob data dwar l-impatt tal-konsum tal-ikel u l-għalf derivati minn pjanti ĠM fuq il-mikrobijoma intestinali;
13. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex, għal darb'oħra, tqis l-obbligi tal-Unjoni skont ftehimiet internazzjonali, bħall-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, il-KDB tan-NU u l-SDGs tan-NU;
14. Jenfasizza li l-emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-17 ta' Diċembru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011⁽³⁰⁾, li ġew adottati fil-Parlament bħala bażi għal negozjati mal-Kunsill, jiddikjaraw li l-Kummissjoni ma għandhiex tawtorizza OĠM meta ma jkunx hemm maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri favur; jinsisti li l-Kummissjoni tirrispetta din il-pożizzjoni u jistieden lill-Kunsill jipproċedi bil-ħidma tagħha u jadotta approċċ ġenerali dwar dan il-fajl bħala kwistjoni ta' urġenza;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

⁽³⁰⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0364.